MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2010

Numru 411/2010

Il-Pulizija
(Spettur Ramon Mercieca)

vs

Redent Falzon

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 127781M, akkuzat talli:

1. fit-28 ta’ Marzu 2010 ghall-habta ta’ xi 18:30 hrs, waqt li kien ghaddej bil-vettura ta’ l-ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni CBN-856, u cioè f’Ta’ Qali, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, ikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta’ Stephen Bugeja detentur tal-karta ta’ l-identita’ 493886M

hekk kif iccertifikat Dr. Agnes Cachia M.D. (Reg. No. 2863) ta' l-Iptar Mater Dei, liema ferita tikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew marda permanenti tal-mohh jew iggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn u dan ai termini ta' l-Artikolu 226(1)(a) tal-Kap 9.

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq l-imsemmija vettura b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz u dan ai termini ta' l-Artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kap 65.

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer waqt li kien involut f'accident tat-traffiku, naqas li jieqaf fuq il-post u jaghti l-partikolarijiet tieghu lill-persuna l-ohra u dan bi ksur ta' l-Artikolu 67 tal-MVR.

4. fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, irrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti mitluba tiskwalifika lill-imputat mill-licenzji tas-sewqan kollha ghal perjodu li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Semghet l-imputat jirregistra ammissjoni fl-liema huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-avukat difensur u l-ufficjal prosekutur.

Ikkonsidrat:

L-imputazzjoni jixlu lill-imputat: b'offiza gravi involontarja fuq persuna; b'sewqan bla kont, traskurat u perikoluz; b'nuqqas li jieqaf fil-hin tal-incident; li hu recidiv.

Fil-konfront ta' l-ewwel imputazzjoni din tirrizulta stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat. Tirrizulta ukoll mill-istqarrija tieghu inserita in atti.

Fil-konfront tal-imputazzjonijiet l-ohra dawn jirrizultaw stante l-ammissjoni kif inghad tal-imputat. Dwar it-tieni imputazzjoni li takkuzah b'sewqan bla kont, traskurat u

perikoluz, l-ufficjal prosekutur stqarr li s-sewqan tal-imputat fic-cirkostanzi kien wiehed negligenti u b'hekk l-prosekuzzjoni ma kienitx qeghdha tinsisti fuq l-iskwalifika. Altrimenti r-recidiva tirrizulta mis-sentenzi inseriti in atti.

Rat l-Artikolu 226(b), 49, 50 u 17 tal-Kap 9, l-Artikolu 15(1)(2) eskluz pero' s-sewqan b'traskuragni kbira u/jew perikoluz, ir-regolament 67 tar-Regolamenti tal-Muturi (MRU), Avviz Legali 128/2004, wara li kkonstatat 'de visu' il-griehi tal-parti leza, u wara li tiddikjara l-imputat hati, tikkundannah multa ta' €300 u tordnalu li zmien gimgha ihallas lill-parti leza l-ammont ta' €200. Tiddeciedi li tillibera lill-imputat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 Kap 446 zmien sentejn mill-lum sakemm l-imputat ma jikkommettiex reat iehor f'dan il-perjodu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------